# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum il-15 t'Ottubru 2019**

Appell numru 313 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Silvio COLEIRO**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-27 ta' Ġunju 2017 fil-konfront ta' Silvio COLEIRO, karta tal-identita bin-numri 409166M fejn ġie mixli talli:

   Nhar it-3 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta ta' 0115 bil-vettura FBS551 ġewwa Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ :

   1. Saq jew pruva jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
   2. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol fil-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina li kien iżjed mill-limitu preskritt.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat mill-liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat u semgħet il-provi prodotti u rat id-dokumenti kollha eżebiti f'dan il-każ, rat l-artikoli 15A(1), 15B(1) u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' multa t'elf u ħames mitt euro (€1500) bil-modalita ta' ħlas ta' mitt euro (€100) fix-xahar u ssospendietlu l-liċenza tas-sewqan għal żmien sitt xhur minn dakinhar tas-sentenza.

3. Rat l-appell intavolat mill-ħati permezz ta' rikors li jġib id-data tal-4 ta' Lulju 2017 li permezz tiegħu huwa lmenta mill-piena li ġiet komminata lilu senjatament dik il-parti li titratta s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan stante li huwa jeħtieġ din il-liċenza u li jagħmel użu mill-vettura tiegħu biex ikun jista' jaħdem u dan peress li għandu negozju żgħir fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa.

4. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-kawża mill-partijiet rispettivi matul is-seduta tat-12 ta' Settembru 2019, fejn l-Abbli Avukati Difensuri qablu li f'dan il-każ is-sospensjoni tal-liċenza kienet waħda tassattiva.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi minn eżami tal-atti jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment u raġonevolment korretta li timponi mhux biss il-piena tal-multa iżda wkoll is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan f'dan il-każ. Dan peress li din is-sospensjoni hija tassattiva, jiġifieri skont il-Liġi din trid tingħata bil-fors bis-saħħa tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jgħid li l-Qorti **<u>għandha,</u>** fil-każ tal-ewwel kundanna, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur meta jiġi misjub ħati tar-reati msemmija fl-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal ma ġara f'dan il-każ. Il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għażla – ladarba waslet li ssib il-ħtija fl-imputat, hija kienet kostretta li timponi wkoll is-sospensjoni.

# ***Deċide***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***